



Brussell, il-25 ta' Settembru 2018
Jissostitwixxi l-avviż ippubblikat
fit-28 ta' Marzu 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U L-ACQUIS TAL-EURATOM

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim ratifikat dwar il-ħruġ¹ li jstabbilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni tieqaf tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-ħruġ")². Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz"³.

It-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni f'idejn l-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Fl-isfond tal-inċertezzi konsiderevoli, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-kontenut ta' ftehim eventwali dwar il-ħruġ u r-riperkussjonijiet relatati, il-partijiet ikkonċernati kollha involuti fil-qasam nukleari huma mfakkra bir-riperkussjonijiet legali, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz^{4 5}.

Sakemm ma jkunx hemm arranġament tranżitorju li jista' jiffirma parti minn ftehim eventwali dwar il-ħruġ, mid-data tal-ħruġ, is-sett kumplessiv ta' dispożizzjonijiet tal-Euratom (jiġifieri l-acquis tal-Euratom) ma jibqax japplika għar-Renju Unit. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin⁶:

¹ Għaddejnin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-ħruġ.

² Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati jieqfu japplikaw f'data aktar tard.

³ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

⁴ Għal ċerti kwistjonijiet relatati mal-Euratom, l-UE qed tipprova taqbel dwar soluzzjonijiet mar-Renju Unit fil-ftehim dwar il-ħruġ. Il-prinċipji essenzjali tal-pożizzjoni tal-UE/Euratom dwar materjali nukleari u taġġmir ta' salvagwardja (Euratom) huma disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/commission/publications/position-paper-nuclear-materials-and-safeguard-equipment-euratom_en.

⁵ Dan l-avviż ma jindirizzax ir-regoli bbażati fuq it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

⁶ Għalkemm mhux inklużi fl-acquis tal-Euratom, huwa mfakkar li materjali, faċilitajiet, teknoloġiji u taġġmir nukleari jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament Nru 428/2009, tal-5 ta' Mejju 2009, li jstabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta'

1. STRATEĠIJA TA' FORNIMENTI KOMUNI

Il-Kapitlu 6 tat-Trattat Euratom jipprevedi li l-forniment ta' minerali, ta' materja prima u ta' materjali fissili speċjali jiġi żgurat permezz ta' strateġija ta' fornimenti komuni fuq il-prinċipju ta' aċċess ugwali għas-sorsi ta' forniment. Għal dak il-għan, l-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ESA - Euratom Supply Agency) għandha d-dritt esklużiv li tikkonkludi kuntratti relatati mal-forniment (importazzjonijiet, esportazzjonijiet u forniment fil-Komunità) ta' minerali, materja prima u materjali fissili speċjali. L-istatuti tal-ESA jipprevedu li dak id-dritt esklużiv jiġi eżerċitat permezz tal-iffirmar konġunt tal-ESA, tal-kuntratti kollha għall-materjal rilevanti, bejn il-partijiet. F'każijiet speċifiċi, tista' tkun meħtieġa awtorizzazzjoni separata mill-Kummissjoni qabel l-ESA tiffirma l-kuntratt b'mod konġunt.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit se jieqaf jipparteċipa fl-istrateġija ta' fornimenti komuni. Konsegwentement, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, il-firma konġunta tal-ESA ta' kuntratti li jirrigwardaw il-forniment ta' materjali nukleari (u, fejn applikabbli, l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni għal kuntratti bħal dawk) b'rabta mar-Renju Unit, mhux se jibqa' jkollha effett.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, l-ESA u, fejn ikun rilevanti, il-Kummissjoni, se jkollhom jikkunsidraw il-fatt li l-materjali trasferiti lejn ir-Renju Unit mhux se jibqgħu jikkontribwixxu għas-sigurtà ta' forniment tal-Komunità u li qabel il-firma konġunta, u, fejn ikun meħtieġ, qabel l-awtorizzazzjoni tal-kuntratti, għandha ssir valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll tas-sigurtà tar-Renju Unit.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-elementi l-oħra tal-kuntratti, li għandhom jiġu vvalutati mill-partijiet.

2. ESPORTAZZJONIJIET

2.1. Awtorizzazzjoni li tiddisponi l-produzzjoni barra l-Komunità

F'konformità mal-Artikolu 59 tat-Trattat Euratom, jeħtieġ li l-“konklużjoni” (firma konġunta mill-ESA) ta' kuntratti li jirrigwardaw l-esportazzjoni ta' materjali nukleari prodotti mill-UE lejn pajjiż terz tiġi awtorizzata mill-Kummissjoni. Dik l-awtorizzazzjoni ma tistax tingħata jekk ir-reċipjenti tal-fornimenti jonqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżit li l-interessi ġenerali tal-Komunità jiġu salvagwardjati jew f'każ li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti inkwistjoni jmorru kontra t-Trattat Euratom⁷.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dak ir-rekwiżit se japplika għal esportazzjonijiet mill-EU-27 lejn ir-Renju Unit.

oġġetti b'użu doppju. Għal aktar dettalji, ara l-“*Avviż lill-partijiet ikkonċernati - L-irtirar tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tal-liċenzji tal-importazzjoni/esportazzjoni għal xi merkanzija*” (https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness_en).

⁷ L-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni mhijiex se tingħata jekk l-esportazzjoni ta' materjali nukleari prodotti mill-UE lejn pajjiż terz jirriskjaw li jikkompromettu s-sigurtà tal-fornimenti, fuq żmien medju, ta' materjali bħal dawn għal utenti tal-UE, jew jekk il-kuntratti kkonċernati x'aktarx iqiegħdu f'riskju l-oġġettiv tan-nonproliferażzjoni nukleari tal-UE.

2.2. Kunsens ta' partijiet terzi u proċeduri speċjali oħra

Euratom ikkonkludiet diversi Ftehimiet ta' Kooperazzjoni Nukleari⁸ ma' pajjiżi terzi. Attwalment, skont dawn il-ftehimiet, oġġetti nukleari (inklużi materjali nukleari, tagħmir u oġġetti oħra ġeneralment previsti fi ftehimiet bħal dawn) jistgħu jiġu ttrasferiti fi ħdan is-suq komuni nukleari fit-territorju tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (inkluż lejn u mir-Renju Unit) mingħajr ma jkunu sottomessi għal proċedura speċjali⁹ u/jew għall-kunsens minn qabel tal-Pajjiż Terz ikkonċernat.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit mhux se jkun parti mis-suq nukleari komuni u lanqas mhu se jkun kopert minn dawk il-ftehimiet. B'konsegwenza, l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' oġġetti nukleari, lejn u mir-Renju Unit, jistgħu jeħtieġu proċedura speċjali u/jew il-kunsens minn qabel tal-Pajjiż Terz ikkonċernat.

3. DIRETTIVA DWAR L-ISTANDARDS BAŻIĊI TAS-SIKUREZZA¹⁰

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom¹¹ – id-Direttiva dwar l-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza – tapplika, fost l-oħrajn, għall-importazzjoni u l-esportazzjoni mill-Komunità ta' materjal radjuattiv (ara l-Artikolu 2(2)a tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom). B'seħħ mid-data tal-ħruġ, se jkun meħtieġ li kwalunkwe importazzjoni ta' materjal radjuattiv mir-Renju Unit lejn il-Komunità u kwalunkwe esportazzjoni ta' materjal radjuattiv mill-

⁸ Ftehim bejn il-Gvern tal-Awstralja u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għall-Kooperazzjoni fl-Użi Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari (ĠU L 29, 1.2.2012, p. 4); Ftehim bejn il-Gvern tal-Ġappun u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-kooperazzjoni fl-utilizzazzjonijiet paċifiċi tal-enerġija nukleari (ĠU L 32, 6.2.2007, p. 65); Ftehim għall-koperazzjoni fl-użu paċifiku ta' enerġija nukleari bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 120, 20.5.1996, p. 1); Ftehim ta' Koperazzjoni Bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) u l-gvern tal-Kanada li jirregola l-qasam ta' l-użu paċifiku ta' l-enerġija atomika (ĠU P 60, 24.11.1959, p. 1165); Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Kabinett tal-Ministri tal-Ukraina għall-Kooperazzjoni fl-Użi Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari (ĠU L 261, 22.9.2006, p. 27); Ftehim għall-Kooperazzjoni fl-Użi Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Kazakistan (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 16); Ftehim ta' koperazzjoni fl-użanzi paċifiċi tal-enerġija nukleari bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Gvern tar-Repubblika tal-Użbekistan (ĠU L 269, 21.10.2003, p. 9).

⁹ Dan ifisser, pereżempju, li l-Istat Fornitur ikun jeħtieġ li jikseb assigurazzjonijiet governattivi formali mill-Istat Riċevitur fir-rigward ta' użi paċifiċi ta' dawk l-oġġetti u f'konformità mal-linji gwida dwar it-trasferimenti nukleari tan-“Nuclear Suppliers Group”(INFCIRC 254, kif rivedut).

¹⁰ Għall-oġġetti (inklużi oġġetti li jaqgħu fl-ambitu tal-acquis tal-Euratom) li jitqiegħdu fis-suq tal-UE qabel id-data tal-ħruġ, l-UE qed tipprova tasal għal qbil dwar soluzzjonijiet mar-Renju Unit fil-ftehim dwar il-ħruġ. Il-prinċipji essenzjali tal-pożizzjoni tal-UE dwar l-oġġetti mqiegħda fis-suq skont il-liġi tal-Unjoni qabel id-data tal-ħruġ huma disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/commission/publications/position-paper-goods-placed-market-under-union-law-withdrawal-date_en. Innota li l-prinċipji essenzjali tal-pożizzjoni tal-UE dwar l-oġġetti huma bbażati fuq definizzjoni waħda ta' “tqegħid fis-suq” (“l-ewwel tqegħid fis-suq”).

¹¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti (ĠU L 13, 17.01.2014, p. 1).

Komunità lejn ir-Renju Unit jikkonformaw mar-reqwiziti ta' dik id-Direttiva. B'mod partikolari:

- L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2013/59/Euratom jistabilixxi reqwiziti speċifiċi għall-impriżi li jkollhom l-intenzjoni li jimportaw prodott għall-konsumatur. L-Artikolu 21 jelenka prodotti li l-importazzjoni u l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti. Barra minn hekk, l-importazzjoni ta' prodotti għall-konsumatur minn pajjiżi terzi hija soġġetta għal kontroll regolatorju u tesiġi notifika u liċenzjar (l-Artikoli 25 u 28).
- L-Artikolu 75 tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar materjali tal-bini li jeħtieġ li jkunu ssodisfati qabel ma materjali bħal dawk jitqiegħdu fis-suq fil-Komunità¹².
- L-Artikolu 93 tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tobbliga lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu t-twaqqif ta' sistemi li jindividwaw il-preżenza ta' kontaminazzjoni radjuattiva fi prodotti tal-metall importati minn pajjiżi terzi.

4. AWTORIZZAZZJONI/INFORMAZZJONI DWAR IL-VJEĠĠI/KUNSINI¹³

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1493/93 dwar kunsinni ta' sustanzi radjoattivi bejn l-Istati Membri¹⁴ mhux se jibqa' japplika għal kunsinni bejn Stat Membru tal-EU-27 u r-Renju Unit.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv¹⁵ u ta' kombustibbli nukleari eżawrit tistabilixxi sistema Komunitarja ta' superviżjoni u kontroll ta' vjeġġi transkonfinali ta' skart radjuattiv u kombustibbli nukleari eżawrit. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 2 ta' dik id-Direttiva dwar vjeġġi intra-Komunitarji mhux se jinbqgħu japplikaw għal vjeġġi bejn Stat Membru u r-Renju Unit u l-Kapitolu 3 ta' dik id-Direttiva dwar vjeġġi extra-Komunitarji se japplika għal vjeġġi relatati mar-Renju Unit.

¹² "Materjali tal-bini" skont id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59 huma "prodotti tal-bini" kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 305/2011 dwar kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini. L-Artikoli 13 u 2(21) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 jistabilixxu obbligi proċedurali speċifiċi fuq l-importaturi, li għandhom jiġu ssodisfati meta prodott għall-bini minn pajjiż terz jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni. Konsegwentement, meta jqiegħdu fis-suq materjali tal-bini importati mir-Renju Unit, l-importaturi se jkunu meħtieġa juru li dawk il-materjali huma konformi mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2013/59 billi jsegwu l-proċedura speċifika għall-importazzjonijiet stipulata fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 (ara l-Premessi 17 sa 21 tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59).

¹³ Għal moviment ta' merkanzija/oġġetti li jkun beda qabel u li jintemm fid-data tal-ħruġ jew wara, ("sailing goods"), l-UE qed tipprova tasal għal qbil dwar soluzzjonijiet mar-Renju Unit fil-ftehim dwar il-ħruġ. Il-prinċipji essenzjali tal-pożizzjoni tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mad-Dwana meħtieġa għall-ħruġ orndnat tar-Renju Unit mill-Unjoni huma disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/commission/publications/position-paper-customs-related-matters-needed-orderly-withdrawal-uk-union_en.

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM) Nru 1493/93 tat-8 ta' Ġunju 1993 dwar kunsinni ta' sustanzi radjoattivi bejn l-Istati Membri (ĠU L 148, 19.6.1993, p. 1).

¹⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom tal-20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit (ĠU L 337, 5.12.2006, p. 21).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv¹⁶ tistipula regoli għal vjeġġi ta' skart radjuattiv minn Stat Membru għal pajjiż terz bil-għan li jintrema. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, daww ir-regoli japplikaw għal vjeġġi mill-EU-27 lejn ir-Renju Unit. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom daww ir-regoli jinkludu:

- l-obbligu li l-Kummissjoni tkun infurmata qabel vjeġġ lejn pajjiż terz;
- l-obbligu li jeħtieġ li l-Istati Membri inkwistjoni jkollhom fis-seħħ ftehim mal-pajjiż terz biex juża l-faċilità tar-rimi;
- ir-reqwiżit li jeħtieġ li l-faċilità tar-rimi tkun awtorizzata u tkun qed topera.

5. KWISTJONIJIET OĦRAJN

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, il-libertajiet garantiti skont it-Trattat Euratom, inkluż il-moviment liberu tal-merkanzija u tal-prodotti¹⁷, ta' persunal imħarreġ, jew ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jixtiequ jipparteċipaw fil-konstruzzjoni ta' installazzjonijiet nukleari, se jieqfu japplikaw fir-relazzjonijiet bejn ir-Renju Unit u l-EU-27.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar l-enerġija nukleari (<https://ec.europa.eu/energy/en/topics/nuclear-energy>) jipprovdi informazzjoni aktar ġenerali. Daww il-paġni se jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija

¹⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2. 8. 2011, p. 48).

¹⁷ Kif speċifikat fl-Anness IV tat-Trattat Euratom.